**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 17 – IT-TNEJN, 11 TA' MEJJU 2020 FIL-5.15pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku (5.40pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 16

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandha tidħol fil-paragrafu 7.1, is-Sindku ħa parir legali u mhux ser iħalli aktar hate speak jew kummenti disprezzattivi lejn membri tal-Kunsill jew il-Kunsill u jittieħdu proċeduri kontra min jagħmel hekk.

1.2 Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 16

2.1 Dwar paragrafu 6.2, is-Sur Dominic Cassar staqsa kemm il-Kunsill għandu ħaddiema tal-kumpanija OZO. Il-Kunsill ġie nfurmat li dak il-mument għandu 23 imma n-numru jinbidel frekwentament.

2.2 Dwar paragrafu 7.2, is-Sur Joe Aquilina staqsa dwar xi ħsara li sar fuq propjetà privata waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq Despott. Il-Kunsill ġie nfurmat li r-resident ingħata n-numru tal-kuntrattur.

Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici daħal għal-laqgħa fis-5.40pm.

## 3 Pagamenti Numru 18

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. Ġie approvat il-Petty Cash ta' April.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu u s-Sur Etienne Bonello Du Puis flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed ikomplu jaħdmu u jiltaqgħu mal-Periti dwar il-proġetti kapitali li hemm pendenti.

## 5 Affarjiet Ohra

5.1 Is-Sinjura Tania Borg tkellmet dwar proġett tal-Olive Harvesting mill-Għaqda Excellence of Social Inclusion.

5.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jinxtraw kaxxi tal-injam għal garage. Kien hemm qbil unanimu. Hu tkellem ukoll dwar il-proċedura tat-tenders. Il-Kunsill ġie nfurmat il-proċedura li qed tintuża hija skont il-liġi u li qed ikun hemm dewmin fl-evalwazzjoni tat-tender tal-isweeping minħabba li kien hemm 12-il offerant. Ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni ser jasal għand il-membri qabel il-laqgħa li jmiss u fil-laqgħa li jmiss jista' jiġi approvat ir-rapport.

5.3 Is-Sinjura Violet Bajada staqsiet jekk jistgħux jiġu sanitized Triq is-Santwarju u Triq Wied Għollieqa. Hi tkellmet ukoll dwar il-bins fi Triq l-Istefanotis, fejn talbet biex dawn jitneħħew. Ma kienx hemm sekondant għal din it-talba. Il-Kunsill innota li l-problema mhux il-bins, imma n-nies li jarmu l-iskart. Jekk jitneħħew dawn il-bins, mhux ser tissolva l-problema ta' nies li jarmu l-iskart. Kien hem qbil li hemm bżonn ta' aktar infurzar.

5.4 Is-Sur Joe Aquilina ssuġġerixxa li jsir rendikont ta' xogħlijiet li saru fl-ewwel sena ħidma tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku irrisponda li diga beda l-hidma fuqha.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2020 fil-5.00pm

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**